**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar, 2020**

**Rikors nru: 289/14 AGV**

**ABCDE**
**Vs**
**FGH**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur pprezentat fid-19 ta' Dicembru, 2014 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kelhom relazzjoni bejniethom u minn din l-unjoni twieled tifel li jismu IE il-15 ta' April, 2011 u dan skond kif jindika c-certifikat tat-twelid hawn anness ma' dan ir-rikors guramentat immarkat bhal Dok. A.

2. Illi din ir-relazzjoni intemmet f' April, 2004, minn meta l-konvenuta qabdet u telqet mid-dar fejn kienu jghixu bhala familja il-partijiet flimkien mat-tifel IE u minn dak iz-zmien il-konvenuta ghamlitha difficli hafna ghall-esponenti biex jara lil ibnu b'mod regolari.

3. Illi l-esponenti mit-twelid it-tifel s'April, 2014, prattikament dejjem qattaghha mat-tifel u dan peress li l-partijiet kienu jghixu flimkien, fil-fatt il-minuri jhobbu hafna lil missieru u jifrah hafna meta jarah, izda l-intimata tibqa' tinnega l-access lill-esponenti ghal xejn b'xejn. Illi l-esponenti ilu xhur ma jara lil ibnu u lanqas ikellmu ghaliex l-intimata ma thallix jcempel lil ibnu.

4. Illi ma jezistux l-estremi legali ghalfejn l-esponenti ghandu jkollu access supervizjonat ghall-minuri IE u dan peress li huwa persuna habbrieka u responsabbli u dan kif se jigi trattat waqt il-kawza u ghalhekk jehtieg li l-access ikun wiehed regolari u normali minghajr supervizjoni u dan peress li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li huwa jkollu hin adegwat ma' missieru.

5. Illi minhabba l-fatt li l-attrici temmet kull forma ta' access tal-minuri ghall-esponenti, huwa l-minuri li qed ibati u hadd izjed.

6. Illi l-konvenut huwa persuna idonea biex ikollu l-kura u kustodja kongunta tal-minuri flimkien mal-attrici u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza u t-trattazzjoni taghha.

7. Illi l-esponenti huwa barrani mill-Gordan u ghandu permess biss jirrisjedi Malta, izda m'ghandux permess biex jahdem f'Malta, madanakollu huwa jixtieq li jibda jghaddi manteniment ghat-tifel tieghu u dan fl-ahjar interess ta' ibnu IE.

8. Illi kull tentattiv ghall-ftehim bonarju falla u l-esponenti giet awtorizzata biex tmexxi b'din il-procedura skond digriet datat hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi tghid l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli m'ghandhiex:-

1) Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri IE tigi fdata konguntivament f'idejn il-partijiet;
2) Tordna u tiffissa granet u hinjiet li fih il-konvenut ghandu jezercita access regolari fil-konfront tal-minuru taht dawk il-kundizzjonjijet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi;
3) Tiffissa rata ta' kull gimgha li r-rikorrenti jrid ihallas lill-intimata bhala manteniment xieraq ghall-minuri IE liema manteniment ghandu jkun wiehed gust tenur kont l-ammont ta' kemm ghandhom jikkontribwixxu z-zewg partijiet, tenut kont ic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet u l-kundizzjoni tal-minuri, li ghandu jkopri ukoll l-edukazzjoni u sahha tal-minuri u mhux biss l-ghixjien tieghu.

Bl-ispejjes kontra l-intimata li qed tigi minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta li eccepiet:-**

Illi dwar l-ewwel talba hija topponi ghall-ewwel talba stante li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lilha tenut kont li l-attur huwa ta' nazzjonalita' barranija, ta' gurisdizzjoni barra mill-Unjoni Ewropeja cioe' ta' nazzjonalita' mill-Kuwait li ma ghandux freedom of movement hawn Malta u ghalhekk kemm il-darba huwa jitlaq minn Malta jkun difficli

ghaliha li tiehu li ssib lill-attur biex jiffirma dokumenti li jkunu necessarji minn zmien ghal zmien ghall-gid tal-minuri.

Illi inoltre l-attur qatt ma ha hsieb il-bzonnijiet tal-minuri u dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet tieghu hi, tant li l-attur rrikonoxxa lil ibnu ricentement biss bhala pedina biex ma jitkeccix minn Malta.

Illi dwar it-tieni talba dan l-access diga' gie ffissat minn din il-Qorti u huwa l-attur li ma jezercitahx u l-esponenti topponi ghall-varjazzjoni ta' dan id-digriet dwar l-access tenut kont li l-intimat jahdem bla ktieb fuq yacht sorgut il-Kottonera Marina u hemm possibilita' kbira li jista' jahrab bit-tifel.

Illi dwar it-tielet talba l-attur jekk ghandu ghal qalbu l-gid ta' ibnu ma ghandux joqghod jistenna l-ordni tal-Qorti biex imantni lil ibnu u din it-talba l-esponenti ma topponix ghaliha b'dan li l-attur ghandu jikkontribwixxi ukoll ghall-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

Dwar il-fatti allegati mill-attur jigi rilevat dan li gej:-

L-attur huwa persuna vjolenti tant li lil ibnu rrikonoxxih issa meta kellu problemi mal-immigrazzjoni u minhabba l-vjolenza u t-theddid tieghu, tant li l-konvenuta kellha tiffirma li taqbel li t-tifel jigi registrat fuq missieru.
Li mic-certifikat tat-twelid saret taf li huwa rrikonoxxa lil ibnu ghax qatt ma giet infurmataha b'dan.

Li mic-certifikat tat-twelid saret taf li r-rikorrenti huwa mill-Kuwait stante li huwa dejjem qallha li kien mill-Gordan u kif taf il-Qorti l-kultura fil-

Kuwait hija li t-tifel huwa tal-missier biss u hemm aktar il-biza' li huwa jahrab bit-tifel.

Li lil ibnu qatt ma mantnih u mhux veru li kien ihallas xi forma ta' manteniment, anzi kienet hi li tghajjex lit-tifel u lilu.

Li hija kellha titlaq mid-dar flimkien ma' binha u ilha barra ghal aktar minn 6 xhur minkejja li l-kirja tad-dar hija fuqha u li l-intimat ghadu jirrifjuta li jitlaq mid-dar tant li kellha titlob l-assistenza tal-pulizija biex tidhol f'darha ad eskluzjoni tieghu stante li sid il-kera ovvjament lilha jaf u l-kera hija dovuta minnha.

Li hija qed tghix ma ommha fejn giet notifikata stante li r-rikorrenti qed jirrifjuta li jallonta ruhu minn darha u ghadha sal-lum thallas il-kera u l-attur ghadu paxxut fid-dar mikrija lilha ghax ghadu jirrifjuta li jitlaq.

Li r-rikorrenti gej mill-Kuwait, huwa persuna musulmana u diga' qalilha li jahrab bit-tifel u ghalhekk mhux persuna affidabbli u hemm il-biza' li jahrab bit-tifel.

Li r-rikorrenti jahdem bla ktieb fuq yacht mhux kif qed jallega li ma jahdimx u ghalhekk aktar hemm il-possibilta' li huwa jahrab minn Malta bit-tifel ghax mhux persuna affidabbli.

Li hija ghamlet diversi rapporti lil pulizija dwar it-theddid li tircievi minghand l-attur specjalment li jahrab bit-tifel minn Malta.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-rikors u d-digriet datat 28 ta' Mejju, 2015.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea tal-1 ta' Dicembru, 2016.[1]

Rat ir-rikors u d-digriet tat- 2 ta' Mejju, 2017.[2]

Rat ir-Rapport tal-Agenzija Appogg datat 2 ta' Marzu, 2018.

**FATTI**

1. L-attur ltaqa' mal-konvenuta tramite' l-internet u peress li kien jahdem f'Kairo, l-Egittu, iddecidew li jiltaqghu hemmhekk, imbaghad marru ghal xahar u nofs il-Gordan, fejn kienu zzewwgu. L-attur jinsisti li huwa Gordaniz u mhux mill-Kuwait, kif qed tallega l-konvenuta. Wara li kienu zzewwgu kien sar jaf li l-konvenuta kienet mizzewwga lil JK u ghalhekk kellu jaghmel kawza ta' paternita' ghax il-minuri I, ma kienx igib kunjomu. Kienet inghatat sentenza fejn gie irkonoxxut bhala missier il-minuri u l-konvenuta kienet taf b'dana ghaliex kienet parti fil-kawza. Spicca li ttiehdu proceduri kriminali kontriha u nghatat sentenza fejn il-konvenuta giet liberata.[3]

[1] Ara fol. 490 tal-process.
[2] Ara fol. 493 tal-process,
[3] Dok. ES2 a fol.

Ighid li l-konvenuta kienet biddlet ir-religjon taghha u kellhom tifel I, li ukoll huwa Musulman,

Bhala xoghol jahdem bhala kok binhar fuq jot li huwa registrat fil-Cayman Islands u dan meta l-jott ikun Malta. Ighid li l-ahhar li ta manteniment lill-konvenuta kien fl-ammont ta' €200 fix-xahar kif kienu ftehmu quddiem il-medjatur. Meta wara gimgha, il-konvenuta ma bdietx turih lit-tifel u kien waqqfilha l-manteniment. Illum jaqla' cirka bejn €800 u €900 u minkejja li ilu Malta ghal dawn l-ahhar ghaxar snin ghadu ma sabx impjieg u se jkun difficli ghaliex l-employer ikollu jhallas €700 mal-applikazzjoni. Bhala spejjes ghandu €250 fix-xahar bhala kera.

Dwar l-access, l-attur jispjega li ghandu access ta' saghtejn fil-gimgha l-Appogg izda jixtieq li jkollu tlett darbiet fil-gimgha u gieli jghaddi xi flus kemm lill-minuri jew lill-konvenuta quddiem is-supervisor. Waqt l-access kien iduna li l-minuri kellu problemi bl-ecsema u kien talab lil tal-Appogg sabiex igharrfu lill-konvenuta biex tiehu lill-minuri ghand tabib u kien dispost li jhallas il-kontijiet medici, pero' qatt ma kienet gabitlu rcevuti.

Kien telaq lill-konvenuta peress li kien qabadha ma' ragel iehor u din ma kinitx l-ewwel darba. Malli qabadha kienet qabdet l-affarijiet u kienet telqet mid-dar, minkejja li jghid li qatt ma kecciha.

2. Il-konvenuta kkonfermat li kienu ltaqghu minn fuq l-internet u kienu ltaqghu l-Egittu biex l-attur jaghmel il-Visa ghal Malta, izda sabu l-ambaxxata maghluqa u kellhom imorru l-Gordan. Tghid li l-attur kien imwieled il-Kuwait, izda ghandu passaport Gordaniz.

Kienu zzewwgu l-Gordan sabiex l-attur seta' jakkwista l-Visa biex jigi jghix Malta. Fil-fatt gew lura f'Lulju, 2008. Meta kienet ser tiskadi l-visa kienu marru l-Isvezja fejn riedu jghinu lill-attur biex isib impjieg u akkomodazzjoni b'xejn, filwaqt lill-konvenuta ma riedux jaccettawha. Imbaghad kienu gew Malta. Tichad li kienet biddlet ir-religjon taghha ghal wiehed Musulman. Taf pero' li kienet iffirmat xi karti bl-Gharbi u l-attur kien wieghdha li dawn kienu taz-zwieg. F'Ottubru, 2008 kienu regghu gew lura Malta u kienu marru joqoghodu Bugibba, f'appartament li kienet kriet.

F'Jannar, 2009 l-attur kellu jerga' jitlaq minhabba li kienet skadietlu l-visa u minhabba li kien *overstaying.* Tghid ukoll li fl-2009 iz-zwieg taghhom kien thassar u cioe' qabel ma kien twieled it-tifel. Tametti li meta marret il-Gordan biex tizzewweg lill-attur diga' kienet mizzewwga lil JK pero' de facto kienet diga' sseparata. L-attur kien jaf li ma setghux jizzewwgu, izda kien hallas lin-nies u kienu ghamlulhom il-karti taz-zwieg minn taht il-Gordan.+

F'Lulju, 2009 kienu reggghu gew lura Malta u f'Awissu 2010 u kien twieled il-minuri I fil-15 ta' April, 2011. Tispjega li ma kinitx irregistrat lill-minuri fuq isem l-attur u dan ghar-ragunjiet li l-attur ma kienx jiehu hsiebu u kien jerfa' idejh fuqha, kif ukoll minhabba li peress li kienet ghadha ma sseparatx minn ma' zewgha precedenti JK. Tistqarr illi l-minuri kien jidher li ghandu "father unknown" fuq ic-certifikat tat-twelid wara sentenza ta' dina l-Qorti deciza fid-29 ta' Novembru, 2012, minkejja li kienet tghid lill-attur biex jidher fil-kawza li kien hemm halli t-tifel minuri jitnizzel fuq ismu, izda qatt ma kien ghamel hekk.

L-attur spicca li kellu problemi mal-Immigration u beda jinsisti li t-tifel jigu fuq ismu u dan minhabba l-freedom of movement. Fl-2014 kienu hassru u kienu ftehmu li t-tifel jitnizzel fuq ismu u l-attur ihalli l-appartament li kienu krew iz-Zurrieq. Kienu ghalhekk marru ghand avukat fejn iffirmaw sabiex il-minuri jitnizzel fuq ismu. Gara li l-attur ma kienx zamm kelmtu u ma harigx mill-appartament u kellha titlaq il-konvenuta ghax kien isawwatha u dejjem jheddidha li ser jahrab bit-tifel.

Xehdet li tahdem bhala care worker mal-Health Mark li qabel kienet Support Services u tahdem St. Vincent de Paule. Tahdem mis-7.00 am san-12.30 pm u gieli mis-7.00 am sas-7.00 pm. Tghid li tahdem flexible hours. Ikollha jumejn tahdimhom granet u l-kumplament tal-gimgha nofstanahar u l-weekend ma tahdimx. Meta tahdem gurnata kollha tghid li l-minuri jiehdu hsiebha il-genituri taghha u peress li ommha tahdem, jew tinzerta fil-gurnata off taghha, dejjem ikun hemm missierha li huwa rtirtat.

Il-konvenuta taqla' paga ta' cirka €507.30 netti u dan kif jirrizulta mill-FS3 u l-payslips li esebit.[4]

Il-konvenuta ma taqbilx li r-relazzjoni bejn il-minuri u missieru hija wahda tajba ghaliex l-attur kontinwament isaqsih hafna domandi u dan kien qalulha l-minuri stess. Thoss li l-attur mhux persuna li tista' tafdah ghaliex kemm il-darba kien iheddidha li kien se jahrab minn Malta bit-tifel. Kienet fil-fatt ghamliltlu mandat ta' impediment ta' partenza.

---

[4] Ara doks. PAG 1 u PAG 2 a fol. 436 – 438 tal-process.

Il-konvenuta tispjega li dak iz-zmien kienet tahdem part-time u dejjem hallset il-kera hi u hadet hsieb il-bzonnijiet ta' kuljum. Ghalkemm il-konvenut kien jahdem qatt m'ghaddielha xejn ghat-tifel u ghaliha.

F' Gunju, 2014 kienet telqet lill-attur u kienet ghamlet diversi rapporti mal-pulizija minhabba l-iswat, it-theddid li kien ser jahrab bil-minuri u kienet marret tghix mal-genituri taghha fiz-Zurrieq.

Dwar manteniment tghid li qatt m'ghaddielha manteniment. Kien hemm ordni li jrid ihallas €50 fil-gimgha u ilu ma jhallas ghal dan l-ahhar xahar u  nofs u se jkollha taghmel rapport l-ghassa.

Dwar l-access tikkonferma li huwa supervised u tixtieq li jibqa' hekk ghax tibza' li l-attur jista' jahrab minn Malta bit-tifel, Tispjega li r-relazzjoni bejn l-attur u t-tifel minuri mhix wahda tajba u lanqas jinteressa ruhu fih.

Meta ma baqghux flimkien kienet infurmat lill-Immigration peress li hi u l-genituri taghha kienu qed jaghmlu tajjeb ghalih. Dan kien fis-17 ta' Gunju, 2014.[5] Kienet imbaghad irceviet email minghand Ryan Spagnol ta' Identity Malta li kien infurmaha li l-permess tar-residenza ma jistax jiggedded awtomatikament.[6]

Tichad li l-attur kien mar id-dar u sabha ma' ragel iehor, anzi pjuttost kien l-oppost u kienet sabitu ma' mara ohra u bi hwejjgha go darha. Kienet tikri l-fond 13, Rainbow Flat, Flat 1, Triq

[5] Ara Doks. AR 1 u AR2 a fol. 788/789 tal-process.
[6] Ara Dok. AR 3 a fol. 790 tal-process.

Bubaqra, Zurrieq u tghid li dejjem hi hallset il-kera ta' €195 fix-xahar ghal tlett snin mill-24 ta' April, 2012 sal-24 ta' April, 2015[7] Tghid li dejjem hi kienet thallas il-kera u anke wara li telqet id-dar bit-tifel kellha tibqa' thallas il-kera sal-24 ta' April, 2015 ghax l-attur ma riedx johrog mill-fond.[8]

Il-konvenuta hija kontra li jkun hemm access minghajr supervizjoni u dan minhabba li l-attur mhux missier responsabbli, kif ukoll minhabba li ghandu temperament u kien isawwat lilha u anke lit-tifel. Jipprova ukoll kemm il-darba jintimida lill-minuri, anke meta jkunu mieghu l-Appogg u jheddu li ser jaghtih kastig. Quddiem il-minuri kien iheddidha ukoll li se jitfaghha l-habs u dan kollu jhalli impatt hazin fuq il-minuri.

Peress li l-attur kien kontinwament jaghmel id-domandi lill-minuri, kien gie mwissi mis-social worker Kirsty Ebejer biex ma joqghodx jaghmel dawn id-domandi lit-tifel, izda njoraha. Anke meta t-tifel jitlob biex imur ghand missierha u addiritura joqghod mieghu huwa minhabba li l-attur joqghod isaqsih u jintimidah.

Tghid ukoll li l-attur ilu ma jhallas manteniment ghal xahrejn shah u kellha taghmillu rapport mal-pulizija.

Il-konvenuta tikkontesta li l-attur jahdem mal-marines amerikani peress li anke l-employment history tieghu ma jghid xejn minn dan.

---

[7] Dok.,AB(iii) a fol.420
[8] Ara Dok. Ab (iv) a fol.422

Dwar l-ghamara tghid li kollox kien ghadu jinstab fil-flat li kienet kriet u cioe' sufan, gwardarobba, electric heater, zewg cilindri tal-gas, inkwatru kbir u baby changer.

Tghid li mhux minnu li m'ghamlitx rapporti u fil-fatt esebithom fl-atti.[9]

Aktar fatti recenti juru li l-attur inghata dritt ta' access minghajr supervizjoni peress li kien qal li kien waqaf jahdem fuq il-jottijiet, meta effettivament kien ghadu qed jahdem u kien anke jiehu lill-minuri mieghu, kif jirrizulta mir-ritratti li kien itella' fuq Facebook. Kien ghalhekk li fit-23 ta' Novembru, 2017 kienet ghamlet rikors peress li ma xtaqitx li l-attur ikompli jiehu lit-tifel mieghu fuq il-jottijiet. Tippreciza ukoll li l-monitoring mill-Agenzija Appogg ma kienx qieghed isir.

Tikkonferma li l-attur kien qieghed f'relazzjoni ma' certu L u kienet baghtitilha messaggi fuq messenger biex turiha li kienet tinstab inkwietata fuq il-mod kif kien qed jagixxi l-attur ma' ibnu. Kien se jerfa' idejh fuqu ghax il-minuri kien ser jitlaq ghax kien spicca l-access u ma kienx sellem lil dina L. Qaltilha ukoll li l-attur ikun differenti quddiem is-supervisor, izda meta ma tkunx hemm jibqa' fuq il-mobile u ma jaghtix kaz lit-tifel. Malli l-attur kien sar jaf li kienu qed jikkomunikaw bejniethom kien beda jhedded lil din L, li qaltliha ukoll li l-attur kellu pjan li jahrab bit-tifel meta jikber ftit iehor. [10]

---

[9] Ara fol.383-418

[10] Ara fol. 558 tal-process.

Kienet taf ukoll li kellu xi problemi mal-pulizija peress li kienu kkomunikaw maghha ghan-numru tieghu.

Illum tghid li l-attur isiefer regolarment, kwazi kull xahar.

3. Kirsty Ebejer, social worker, mal-Agenzija Appogg ikkonfermat li l-access qed isir kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha bejn il-5.00 pm u s-7.00 pm. Waqt l-access ir-relazzjoni bejn il-missier u l-minuri tidher tajba, jilaghbu flimkien u l-missier juri interess fil-hajja tal-minuri. L-attur gieli jgiblu xi ikel jew helu jew xi gugarell. Tghid li minkejja li ma tkunx prezenti waqt l-access taf li kien hemm drabi fejn il-minuri jistaqsi lill-attur li jixtieq imur ighix mieghu. It-tifel ukoll gieli rrisponda lill-attur li huwa lest iqatta' hin mieghu barra mill-Appogg. Huma kienu widdbu lill-attur biex ma joqghodx jaghmel dawn it-tip ta' domandi lill-minuri, ghax kien qed jaghmilha ta' spiss, izda tghid dan il-komportament tieghu, issa kien donnu waqaf.

Kien issemma' waqt l-access mill-minuri, li kien jorqod fil-kamra t'ommhu u li s-sieheb taghha kien ghajjat mieghu. Kienet saret laqgha mal-konvenuta li kienet ikkonfermat li l-minuri jorqod maghha, pero' sodda ghalih, izda nnegat li s-sieheb taghha kien ghajjat mieghu u nnegat ukoll li jghix maghha.

Dwar l-access li beda jsir barra mill-Appogg, tghid li l-minuri kien jidher kuntent ghaliex kienu jmorru sal-McDonalds jew Burger King f' Tas -Sliema jqattghu certu hin jaraw l-ajruplani.

Kien hemm incident meta l-attur kien hareg mill-kamra fl-Appogg wara li spicca l-access biex ikellem lis-sieheb tal-konvenuta u dan wara li l-

minuri kien qal li ghajjat mieghu. Generalment jitolbu lill-attur jibqa' fil-kamra sakemm titlaq il-konvenuta mal-minuri. Jidher li dakinhar baqa' hdejn ir-reception sakemm telqu.

Ikkonfermat ukoll li kien hemm diversi drabi fejn l-attur ma kienx imur ghall-access u kien hemm drabi fejn kien imur tard, izda ma kinitx taf ir-raguni ghax generalment ma kinux jistaqsu.

Tghid ukoll li kien hemm l-ahhar digriet tal-Qorti u cioe' tal-5 ta' Dicembru, 2016,[11] li kien ikkonferma li jkun hemm access ukoll is-Sibt, izda biex dan isehh, l-ewwel irid ikun hemm il-hlas da parti tal-attur, kif ukoll kien hemm problemi biex isehh u dan peress li ma jkunx hemm pulizija biex izomm il-passpoart tal-attur nhar ta' sibtijiet u hemm ukoll nuqqas ta' supervisors.

Kien hemm okkazzjoni wahda, ftit wara li nfetah il-kaz, li l-attur kien tah xi flus lill-minuri.

Dwar l-access taqbel illi ghandu jsir barra mill-Appogg, izda taht supervizjoni ghaliex kien ghad fadal xoghol xi jsir. Dwar ir-risku li l-attur jahrab bil-minuri f'dan il-kaz tispjega li s-supervisors huma awtorizzati sabiex jigru warajhom u jcemplu ukoll lill-persuna "on call."

4. Mary Louise Sammut, tahdem bhala supervisor waqt l-access tal-minuri I. Kienet ilha taghti dan is-servizz ghal dawn l-ahhar sena u xahar. Fil-fehma taghha l-access kien sejjer tajjeb u kien hemm relazzjoni tajba

[11] Ara Dok. A a fol. 467 tal-process.

bejn il-missier u l-iben. Li jkun irid jaghmel it-tifel il-missier jikkuntentah.

Tikkonferma li l-attur kien irrabja minhabba li mir-rapport li ghamlet l-avukat tat-tfal irrizulta li l-minuri I qal li jibza' minn missieru waqt l-access u meta missieru kkonfrontah fil-presenza taghha kien irrisponda li kienet il-konvenuta li kienet qaltlu sabiex ighid hekk lill-avukat tat-tfal.

Dwar sleepovers tghid li t-tifel minuri jixtieq imur ghal sleepovers mal-attur, izda jibza' minn ommu ghax ma thallix u gieli semma' li jekk ma jobdihix tikkastigah billi thallih go kamra wahdu fid-dlam.

Dwar jekk kinitx taf jekk hux minnu li l-attur kien jahdem mal-Ambaxxata Amerikana, tghid li darba waqt il-hin tal-access kienet marret mieghu u mal-minuri ghax kellhom party Ta' Qali fl-Ambaxxata Amerikana.

5. Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet kienu rrizultawlha s-segwenti kontijiet f'isem il-konvenuta lkoll miftuhin.[12]

6. Joseph Chircop in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jghid li l-konvenuta kienet tircievi ghajnuna socjali mis-sena 2011 sa Marzu, 2015. Tircievi ukoll additional bonus ta' €3.12 kull gimgha u bonus kull sitt xhur fl-ammont ta' €135.20.[13] Dawn tircevihom ghaliha

[12] Ara Doks. JB 1 – JB 3 a fol. 295 – 346 tal-process.
[13] Ara Dok. JC 1 a fol. 347 tal-process.

u ghal uliedha. F’Marzu, 2015 bdiet tahdem u hemm skema ta’ tapering of benefits li ghalkemm qed tahdem qed tiehu ghajuna socjali ridotta.[14] Rat id-digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti gia’ Sekond’Awla datata 16 ta’ Marzu, 2004,[15] kif emendat bid-digriet datat 30 ta’ Settembru, 2004[16] u kif rega’ gie emendat bid-digriet datat 2 ta’ Frar, 2005.[17]

Gew ipprezentati dokumenti li juru l-ammonti li dahhlet mill-ghajnuna socjali.[18]Irceviet ukoll ghajnuna supplementari li kienet tiehu minn Jannar 2011 sa April 2011.[19] Tircievi ukoll childrens allowance, maternity benefits kif ukoll supplementary benefits.[20] Dan kien beneficcju ghal sena wahda biss 2015 u llum m’ghadux jezisti.

7. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-Jobs Plus esebixxa l-employment history tal-attur[21] u dwar il-konvenuta jghid li tahdem bhala part-time carer u sal-14 ta’ Marzu, 2011 kienet qed tirregistra fuq l-ewwel parti,[22] peress li ma kienx hemm bzonn li jkollok impjieg. Qabel ma jircievu t-termination form minghand l-employer ma jitfawhiex fuq l-ewwel parti. Ipprezenta ukoll l-employment history taghha.[23]

---

[14] Ara Dok. JC 2 a fol. 348 tal-process
[15] Ara Dok. a fol. 65 tal-process.
[16] Ara Dok a fol. 84 tal-process.
[17] Ara Dok. a fol. 97 tal-process.
[18] Ara Doks. JC 3- JC 8 a fol. 349 -354 tal-process.
[19] Ara Dok. JC 9 a fol. 355 tal-process.
[20] Ara Dok. JC10 fol. 356 tal-process
[21] Ara Dok. JS1 a fol. 357 u JS 3 a fol. 732 tal-process.
[22] |Ara Dok. JS2 a fol. 359 tal-process.
[23] Ara Dok. JS 1 u JS4 a fol. 545 u 729 tal-process.

Dwar l-attur ix-xhud jikkonferma li prezentement huwa minghajr impjieg u l-ahhar li kien jahdem kien fl-4 ta' Dicembru, 2012. Jikkonferma li l-attur m'ghandux employment licence. Legalment ighid li huwa third country national mill-Gordan u ghandu bzonn employment licence biex jahdem.

8. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Malta plc. ikkonfermat li f'isem il-konvenuta kien hemm savings account bin-numru 078155595050 li nfetah f'April, 2016 u l-istatement inhareg f'Mejju, 2016.[24]

9. Bernard Zarb, in rapprezentanza tal-Jobs Plus ighid li kien sar rapport fuq l-attur minn fuq il-hotline li kien qed jahdem b'mod illegali hawn Malta fuq jott bl-isem ta' Galileo fis-27 ta' Jannar, 2015.[25] Wara dan ir-rapport kienet saret spezzjoni fis-6 ta' Ottubru, 2016 u dakinhar l-ispetturi kienu sabu li l-istess persuna kienet qed tahdem f' Ta' Nino Bistro, M' Skala. Bhala prassi talbu lill-employer jirregola ruhu u peress li dan ma sehhx kienu baghtu kwerela kontra l-employer Anthony Pace.[26]Meta kien jahdem Ta' Nino, l-attur kien qed jahdem bla ktieb. Imbaghad fis-17 ta' Frar, 2017 kienet irrapportatu l-konvenuta u sadanittant kien ilu jinvestiga sa minn 2015. Mill-investigazzjonijiet kien irrizultalu li l-attur kien qed jahdem bhala kok mal-Ambaxxata Amerikana imma mhux fuq livell ta' ambaxxata, izda jsajjar ghal dawk l-Amerikani li huma parti mill-Armata. Ighid li kien baghat ghalihom u kkonfermaw li l-attur kien jahdem self-employed u kienu ngaggawh b'kuntratt ta' impjieg.[27] Kien sar rapport talbu lis-Surgent tal-Armata

[24] Ara Dok. AG3 a fol. 362 tal-process.
[25] Ara Dok. BZ1 a fol. 570 tal-process.
[26] Ara Dok. BZ 2 a fol. 577 tal-process.
[27] Ara Dok. BZ 1 a fol. 551 tal-process.

sabiex jirregola ruhu tramite l-Identity Malta, izda dan ma sehhx u ghalhekk talbu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi kontrih personali.[28]

10. Maria Dolores Fenech, in rapprezentanza tar-Registru Kriminali esebit diversi kawzi kriminali tad-distrett li saru fil-konfront tal-attur.[29]

11. WPC Kirsten Gatt esebit il-kondotta tal-attur, kopji ta' rapporti li saru mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin.[30]

12. Dustin Camilleri, in rapprezentanza ta' Identity Malta kkonferma li l-attur ghandu permess temporanju mahrug peress li ghandu wild Malti jghix Malta. Il-permess ikun validu ghal sena u jiggedded minn sena ghal sena. Jekk ikollu employment licence minghand JobsPlus ikun jista' jahdem f' Malta.

13. Benjamina Mifsud, Deputat Registratur tal-Magistrat Claire Stafrace Zammit esebit lista ta' multi li kellu l-attur quddiem il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit. [31]

14. Spettur Darren Buhagiar ikkonferma li dwar l-attur l-immigration position tieghu kienet regolari. Ghandu permess ta' residenza Maltija ghal bazi temporanja valida ghal sena u jidher li qieghed up to date.

**IKKUNSIDRAT**

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

[28] Ara Doks. BZ 5 u BZ 6 a fol. 593-617 tal-process.
[29] Ara Doks. MF 1 – MF 7 a fol. 618-631 tal-process.
[30] Ara Doks. KG 1 a fol 649 tal-process u Doks. KG2 – KG 20 a fol. 650 – 728 tal-process.
[31] Ara Doks. BM 2 – BM 8 a fol. 775 – 781 tal-process.

L-attur qed jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri I tkun wahda konguntiva. Il-partijiet telqu lil xulxin fis-sena 2014 u minn dak iz-zmien, il-minuri baqa' jghix mal-konvenuta.

Minn dak iz-zmien beda jsehh access supervizjonat fl-Agenzija Appogg u dan partikolarment minhabba li l-konvenuta kienet tibza' li l-attur jahrab bil-minuri. L-Agenzija Appogg fl-istadji inizzjali kellha twissi lill-attur peress li kien kontinwament jaghmel hafna domandi lill-minuri sabiex jikkonvincih li jmur mieghu jew li jorqod ghandu. B' xi mod jidher li kien qed jipprova jimmanipulah. Il-konvenuta addiritura hasset li b'dawn l-interrogazzjonijiet kien qieghed jintimida l-minuri. Kirsty Ebejer, social worker fl-Agenzija Appogg, li kienet tircievi rapporti dwar l-access direttament mis-supervisor gharrfet li dawn l-interrogazzjonjiet kienu waqqfu, izda l-konvenuta tikkontradixxi din ix-xhieda, ghax tghid li l-minuri stess ighidilha li l-attur kien ghamillu certi domandi u dan kien johloq hafna biza' fih.

L-istess Ebejer, irrelatat li r-relazzjonijiet bejn l-attur u l-minuri kienu tajbin. Il-missier kien dejjem lest biex jikkuntenta lill-minuri. Kien jaghtih il-hin tieghu u waqt l-access kien joqghod jilghab mieghu. Il-konvenuta tqis li dan huwa kollu messa in xena, ghax l-attur juri wicc b'iehor meta jkun fil-presenza tas-supervisor.

L-Agenzija Appogg ma kinitx tal-istess opinjoni, ghaliex meta bdiet tara li r-relazzjoni kienet qed titjieb kien accettaw li l-access jigi ezercitat barra mill-Appogg, izda dejjem taht supervizjoni. Kirsty Ebejer hasset li l-minuri kien ikun kuntent meta kienu johorgu u jmorru xi McDonalds jew Burger King.

Fehma kontrastanti hija dik ta' L, li kellha relazzjoni mal-attur u li kienet ikkomunikat mal-konvenuta biex turiha li l-attur ma kienx il-missier responsabbli li beda jipprova juri li hu. Fil-korrispondenza jirrizulta li l-attur kellu temperament u meta t-tifel kien ikun maghhom, kienet tispicca tiehu hsiebu hi waqt li l-attur kien iqatta' l-hin fuq il-mobile. Darba ssemmi incident li fih kien hedded lill-minuri u kien ser jerfa' idejh fuqu. L tikkorrobora l-istess deskrizzjoni tal-attur bhal tal-konvenuta, li juri wicc b' iehor, ghax fi zmien li suppost li kien hemm *monitoring* kien jilghabha tal-missier responsabbli u meta ma kienx hemm is-supervisor, kien ikollu atteggjament kuntrarju ta' missier irresponsabbli. Ammettiet mal-konvenuta li l-attur kien ippreparat li jahrab bil-minuri malli kien jitfarfar ftit iehor.

Il-konvenuta tikkontesta l-kura u kustodja konguntiva peress li l-attur ukoll kellu problemi ta' temperament ghax kien hemm diversi okkazzjonjiet fejn kien jerfa' idejh fuqha u anke fuq il-minuri.

Fid-decizjonjiet li jirrigwarda l-kura u kustodja, dina l-Onorabbli ghandha dejjem thares l-ewwel u qabel kollox, l-ahjar interessi tal-minuri. Minhabba dawn l-inkonsistenzi fil-karattru tal-attur u peress li l-minuri ilu jitrabba mill-konvenuta jkun opportun li tinzamm dina l-istabbilita' u l-kura u kustodja tigi fdata eskluzzivament lill-konvenuta.

**<u>ACCESS</u>**

L-access ghall-minuri huwa punt dibattut f'dina l-kawza, b'opinjonijiet kuntrastanti bejn is-social workers tal-Appogg, l-avukat tat-tfal u l-konvenuta.

L-Agenzija Appogg bdiet tezercita l-access supervizjonat kif kien gie ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti b'digriet taghha tal- 28 ta' Mejju, 2015. kull nhar ta' Erbgha bejn l-5.00 pm u s-7.00 pm. Ghal bidu dan kien jinzamm fl-Appogg, izda maz-zmien kienu rrakkomandaw li dan l-access jibqa' jigi ezercitat taht supervizjoni, izda barra mill-Appogg. Fil-fatt, l-attur kien jiehu lill-minuri McDonalds jew Burger King f' Tas-Sliema u kien ikun hemm is-supervisor prezenti. Il-minuri kien jidher ferhan b'dan l-arrangjament u kien aktar kalm minn meta l-access kien isir fl-Appogg.

Il-konvenuta dejjem kellha u ghad ghandha l-biza' li l-attur jahrab bil-minuri u minkejja li kienet ghamlet mandat ta' impediment ta' partenza, hemm risju akbar peress li l-attur jahdem fuq il-jottijiet u b'hekk jista' jahrab permezz tal-bahar bil-minuri. Ghalhekk, fl-Appogg, l-attur kien ikollu jiddeposita l-passaport waqt il-hin tal-access, imbaghad dan kien jintradd lura wara.

Fl-1 ta' Dicembru, 2016, l-avukat tat-tfal Dr .Stephanie Galea kienet irrakkomandat li l-access ghandu jibqa' supervizzjonat, ma jkunx hemm sleepovers, pero' l-access seta' jizdied ghal tlett sieghat is-Sibtijiet. Fil-fatt, dina l-Onorabbli Qorti b'digriet taghha tal-5 ta' Dicembru, 2016,[32] ikkonfermat li jkun hemm access ukoll is-Sibt. Da parti tal-Appogg nholqu xi ntoppi b'dan id-digriet peress li biex access isehh is-sibtijiet kien hemm problema ta' rizorsi umani, problemi ta' assenza ta' pulizija biex jinzamm il-passaport u fuq kollox l-attur kien ikollu jhallas ghall-access is-sibtijiet, izda ma kienx lmenta.

[32] Ara Dok. A a fol. 467 tal-process.

Ghalhekk jidher li effettivament, l-access zdied ghall-Erbgha u l-Gimgha bejn l-5.00pm sas-7.00 pm.

B'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti gie ordnat, fuq rakkomandazzjonijiet tal-Appogg li l-access isir monitored biss u ma jibqax supervizjonat. Jirrizulta li maz-zmien, l-Appogg ma hassewx il-htiega li jsir moniteragg kull darba u fil-fatt, l-konvenuta tilmenta li hafna drabi ma kienx qed ikun hemm "monitoring" mill-Appogg.

Il-Qorti, tiddeplora dan l-agir tal-Appogg, ghax fil-fehma taghhom, ir-relazzjonijiet bejn l-attur u ibnu kienu tajbin u l-minuri ried u kien kuntent ikun ma' missieru. Huwa minnu ukoll li l-Marie Louise Sammut accennat ghal fatt li waqt li kienet qed tissupervizjona l-access, il-minuri kien qal li ommu kienet qaltlu biex ighid lill-avukat tat-tfal li kien jibza' minn missieru.

Fir-rapport tal-avukat tat-tfal ma ssemmitx il-biza'. Li ntqal huwa dawn skond Dr.Stephanie Galea:-

***"Ghalkemm L jiehu pjacir meta jkun ma' missieru, pero' huwa ma jistax jinsa li fil-passat huwa kien jara lil missieru jerfa' jdejh fuq ommu u sahansitra fuq L stess. L anke jiftakar li fil-passat missieru kien ighidlu li jrid jiehdu f'pajjizu barra minn Malta."***[33]

Tipiku ta' dawn it-tip ta' kazijiet, huwa dispjacir li t-tfal jintuzaw bhala ballun, jilghabu bl-emozzjonijiet taghhom biex b'mod egoistiku l-ġenituri jikkuntentaw ruhhom u johorgu rebbieha, filwaqt lanqas huma

[33] Ara fol. 490 tal-process.

konxji tal-hsara li qed joholqu f'uliedhom. Fil-kaz odjern, l-attur jinterroga lill-minuri u jekk jazzarda jmerih jheddu u jintimidah, minkejja li wara li gie mwissi bil-hsara li kien qed jaghmel. Huwa minnu li r-relazzjonijiet tjiebu, ghax anke l-minuri stess ma jidhirx mill-provi migbura, li huwa m'ghandu l-ebda xewqa li jara lil missieru. Il-konvenuta, certament ghandha l-bizghat taghha ghax taf xi jsarraf l-attur, pero' dina l-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-minuri huwa sa certu punt kundizzjonat ukoll u *brainwashed* minn ommu ukoll, izda meta wiehed jikkunsidra l-messaggi li ntbaghtu bejn il-konvenuta u dik li kienet is-siehba tal-attur, dina l-Qorti hija aktar konvinta li l-attur mhux bniedem affidabbli u responsabbli kif qed jipprova jikkonvincina fir-rigward tal-minuri.

Madanakollu, minkejja l-isfortuni li jgibu maghhom dawn it-tip ta' kawzi fil-hajja tal-minuri, minhabba mmaturita' da parti tal-genituri, dina l-Qorti trid l-ewwel u qabel kollox thares l-interessi tal-minuri. Mir-rizultanzi processwali dina l-Qorti thoss li hemm certi riskji li verament jezistu fil-konfront tal-minuri, partikolarment li jista' jahrab bil-minuri fuq il-jottijiet fejn jahdem u ghalhekk il-preokkupazzjoni tal-konvenuta hija realta'. L-attur ma jidhirx li ghandu sens ta' stabbilita' f'hajtu anke ghal dak li jirrigwarda l-impjieg tieghu, li mhux xejn regolari. Huwa bniedem li jasal biex jaghmel dak  li jtih f'mohhu, bhal meta zzewwgu l-Gordan, meta kien jaf li l-konvenuta kienet ghadha mizzewwga. Tenut kont ta' dan kollu dina l-Qorti m'ghandhiex serhan tal-mohh ghall-minuri jekk l-access ma jibqax wiehed bil-monteragg li ghandu kull hin u kull moment ikun hemm prezenti rapprezentant tal-Appogg.

## MANTENIMENT

L-obbligu tal-manteniment versu l-minuri jiskatta ghal kull parti la darba ghandu l-mezzi tieghu. Il-partijiet kienu ftehmu li l-attur kellu jhallas €50 fil-gimgha ghall-minuri u ghalhekk ghamel zmien ihallas, imbaghad jametti hu stess u dan huwa kkonfermat mill-konvenuta kien waqaf ihallas ghall-bzonnijiet tat-tifel.

Kien hemm xi okkazzjoni fejn waqt l-access l-attur kien ghadda xi flus lill-minuri, izda dan ma kienx jigri regolarment, kienet xi darba biss.

Dwar l-impjieg u ghalhekk l-introjtu tal-attur, jirrizulta li kollox huwa mcajpar. Kien jahdem fuq jot bhala kok u jghid li kien jaqla' xi €800. Imbaghad kien sab impjieg bhala kok mas-suldati tal-armata Amerikana fejn kien jaqla' paga ta' cirka €500 netti, izda kif xehed Bernard Zarb, in rapprezentanza tal -Jobs Plus ma kienx registrat. L-istess Zarb ighid li peress li kien anke rcieva rapporti fuq l-impjieg tal-attur, kien zamm investigazzjoni u rrizulta li kien jahdem bla ktieb f'ristorant Tan-Nino, f' M' Skala ukoll. Hadd mill-employers ma kien irregola ruhu fil-konfront tal-attur u ghalhekk kellhom jittiehdu l-proceduri necessarji. Effettivament, anke Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-Jobs Plus irrizultalu mir-ricerki li ghamel fuq l-attur li ma kienx jidher registrat f'impjieg.

Il-konvenuta resqet ukoll provi li presentement, l-attur jahdem fuq jot iehor u hafna drabi jkun barra minn Malta.

Il-konvenuta taqla’ paga ta’ cirka €507.30 netti u dan kif jirrizulta mill-FS3 u l-payslips li esebit. Il-konvenuta tahdem ukoll bhala care worker f’San Vincenz.

Il-paga taghha lanqas mhix daqshekk sostanzjali, anzi pjuttost minima u ftit sabiex tiehu hsieb tmanti lilha nnifisha u l-minuri, li ndubbjament ghandu diversi bzonnijiet.

L-attur qatt ma deher generuz maghha jew fetah idejh, ghax meta kienu jikru l-post iz-Zurrieq kienet il-konvenuta li kienet thallas u kellha tispicca tibqa’ thallas anke wara li telqet peress li l-attur ma telaqx mill-fond mikri.

Mir-rizultanzi processwali u assessjar fuq il-mezzi tal-attur, li effettivament mhumiex xi haga ta’ barra minn hawn, dina l-Qorti tqis li l-ammont ta’ €50 fil-gimgha ghall-minuri hija wahda gustifikata. L-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta’ u tiddeciedi:-

1. Tichad l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u kustodja esklussivament lill-konvenuta.
2. Tiffissa access kull nhar ta’ Erbgha u l-Gimgha bejn l-5.00 pm u s-7.00pm, b’dana li l-access ghandu jibqa’ b’sistema ta’ monitoring u kull

darba l-istess passaport tal-minuri jigi depozitat mas-supervisor prezenti.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-attur ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar li ghandhom jithallsu lill-konvenuta, filwaqt li l-ispejjes tal-edukazzjoni u sahha ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

Anthony G. Vella
**Imhallef**

Cettina Gauci
**Deputat Registratur**